**27 ta' April, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R.Hist.S.**

Edgar Bonnici Cachia

*versus*

L-Avukat Dottor Michael Frendo Editur u Paul Spiteri Stampatur tal-ġurnal "In-.....Tagħna'

**Malafama – Libell – *Press Act***

*Il-Qorti sabet illi l-artikoli in kwistjoni kienu malafamanti fil-konfront ta' l-attur. Rassenja utli u interessanti tal-prinċipji regolaturi in materja ta' libell.*

Il-Qorti: –

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fil-ħarġiet indikati tal-ġurnal "In-.....Tagħna", il-konvenuti *mmalafamaw* lill-attur billi attribwewlu fatti determinanti bl-iskop li joffendulu l-unur u l-fama tiegħu jew li jesponuh għar-redikolu u għad-disprezz tal-pubbliku;

Premess illi l-artikoli u l-ħarġiet huma dawn:

L-artikolu li jibda fl-ewwel paġna u jkompli fit-tielet paġna ntitolat "Żewġ Maltin f'kumplott biex jinqatel ex-PM Libjan fil-ħarġa tad-19 *ta'* Novembru 1984; l-artikolu ntitolat "Il-kumplott biex jinqatel ex-PM Libjan" f'paġna 1 fil-ħarġa tal-21 ta' Novembru 1984; l-artikoli li jibda f'paġna 1 u jkompli f'paġni 8 u 9 intitolati "Il-kumplott biex jinqatel Bakoush" fil-ħarġa tat-23 ta' Novembru 1984; l-artikolu ntitolat l-istess fil-ħarġa ta' l-24 ta' Novembru 1984 f'paġna 1; l-artikolu jibda f'paġna 1 u jkompli f'paġna 2 fil-ħarġa tat-3 ta' Diċembru 1984 intitolat "Skond Libjan viċin tal-mexxej Libjan";

Premess illi kwindi l-konvenuti kkawżaw danni skond il-liġi;

Talab għalhekk l-attur li din il-Qorti:

1. Tiddikjara lill-konvenuti ħatja versu l-attur ta' malafama kif suespost;

2. Tillikwida s-somma dovuta *bħala danni*;

3. Tikkundannahom iħallsu lill-attur is-somma hekk likwidata bħala danni;

Bl-ispejjeż kompriżi dawk ta' l-ittra bonarja tat-2 ta' Lulju 1985, u bl-imgħaxijiet legali kontra l-konvenuti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet ta' Dottor Michael Frendo u Paul Spiteri fejn eċċepew bir-rispett illi d-domanda ta' l-attur għandha tiġi respinta billi hu ma ta ebda malafama lill-attur billi semma biss fatti veri li attwalment ġraw u li hu rrapporta fedelment;

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti u l-listi tax-xhieda tagħhom u d-dokumenti esebiti;

Rat il-verbali tax-xiehda mismugħa mill-Assistent Ġudizzjarju;

Rat l-atti kollha tal-kawża u ttrattat il-kawża;

Ikkunsidrat li din hi kawża ta' danni riferibbilment għall-inġurja bl-istampa li l-attur jallega li saritlu bi ħtija tal-konvenuti fil-kwalità tagħhom rispettiva ta' Editur u Stampatur tal-ġurnal "In-.....Tagħna" bi ksur tal-liġi ta' l-Istampa ta' l-1974. Xehdu l-attur u l-konvenut Frendo. Il-konvenut Spiteri baqa' ma xehedx;

Illi bħala provi l-attur xehed *in extenso* fejn spjega biex ħass ruħu inġurjat. Oltre dan esebixxa d-diversi artikoli ppubblikati fl-"In-....Tagħna" u ċjoè l-ħarġiet tad-19 ta' Novembru 1984 taħt it-titolu **Żewġ Maltin f'kumplott biex jinqatel ex-PM Libjan,** dik tal-21 ta' Novembru 1984 taħt it-titolu **Il-Kumplott**

**biex jinqatel ex-PM Libjan** f'paġna 1; dik tat-23 ta' Novembru 1984 f'paġna 8 - 9 bit-titolu **Il-Kumplott biex jinqatel Bakoush;** li jkompli taħt l-istess titolu fil-ħarġa ta' l-24 ta' Novembru 1984 (Dok. D) fl-ewwel faċċata; u fil-ħarġa tat-3 ta' Diċembru 1984 **Skond Libjan viċin tal-mexxej Libjan** (Dok. E);

Il-konvenuti eċċepew li huma semmew biss fatti veri li attwalment ġraw u li huma rraportaw fedelment. F'eċċezzjonijiet ulterjuri (a fol. 79) eċċepew li t-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti stante l-prinċipju ***volenti non fit injuria;***

Meta wieħed jgħarbel sew il-kitbiet konnessi mal-kawża faċilment jikkonkludi illi l-każ in diżamina ngħata *"coverage"* estensiv mill-ġurnal **In-.....Tagħna.** L-attur, min-naħa tiegħu, għalkemm jaċċetta li ġie miżmum mill-awtoritajiet Eġizzjani għal sitt xhur u għaxart ijiem, li matulhom ukoll ġie interrogat kif ukoll anki sottomess għal "xi torturi", ċaħad kategorikament li huwa qatt kien involut f'xi kumplott biex jinqatel xi ħadd, kompriż l-ex-Prim Ministru tal-Libja Bakoush. Fil-fatt il-konvenuti lanqas ikkontradiċew dina l-asserzjoni kategorika ta' ċaħda imma ssottomettew li l-fatti tal-każ ġew mogħtijin *"coverage"* f'ġurnali esteri u *media* internazzjonali ta' aħbarijiet u li huma rrapurtaw fedelment dak li ġie mxandar. Il-konvenuti fir-rigward esebew biss *"Press Released"* Dok. QJ (ara fol. 91 - 2 tal-proċess) li ħarġet minn Malta minn aġenzija bl-isem ta' *"Qaja Transalation Services Centre"* u li fiha jissemma l-attur;

Il-Qorti ser tagħmel aċċenn għal ċerti brani li ġew maġġorment senjalati mill-attur bħala li kienu l-aktar malafamanti **Dok. A** (fol. 4) għalih:

"Skond il-BBC, l-erba' arrestati svelaw li kienu reklutati f'Malta minn aġent Libjan li wegħdhom kumpens ta' kwart ta' miljun dollaru";

Għandu jingħad li ma ġiet prodotta ebda kopja tar-rapport imsemmi mill-konvenuti;

**Dok. A** (isegwi):

"Skond aġenzija ta' l-aħbarijiet dawn l-erba' svelaw ukoll lill-Eġizzjani li l-Libjani kienu ffinanzjaw il-qtil tal-Prim Ministru Indira Gandhi u kienu qed iħejju attakki kontra ir-Re Fahd ta' l-Għarabja Sawdita....." eċċ;

Dok. E (a fol. 9) li tirreferi għal dak li xandret l-aġenzija Qaja (surreferita):

"Għalhekk, il-moviment revoluzzjonarju fil-Libja ppjana biex jirrekluta skwadra li tissimpatizza ma' l-Eġittu. Il-persuna li kienet reklutata biex torganizza din l-iskwadra kienet il-Kavallier EDGAR P. Bonnici Cachia C.B.S.S.";

Issa, kif ġie ripetutament ritenut mill-Qrati tagħna u mid-dottrina legali in materja – basta wieħed jiċċita per eżempju l-każ Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija *vs* Onor. Perit Michael Falzon *et*" deċiża fil-15 ta' Diċembru 1977 – "xejn ma jiswa lill-imputati li dak l-artikolu huwa riproduzzjoni ta' parti minn artikolu qabel ippubblikat......mhux biss għaliex, skond id-dottrina *"it is no defence for the publisher of a libel to prove that he has merely repeated or republished a statement which has already been published by someone else"*, imma wkoll għaliex l-artikolu 24 ta' l-Att ta' l-1974 dwar l-istampa

espressament jiddisponi li "ebda waħda mill-persuni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, ma tista' b'difiża tagħha, tipprova li l-kitba hija kopja jew estratt jew sommarju jew traduzzjoni ta' kitba oħra li diġà ġiet stampata jew ippubblikata xort'oħra";

Barra minn dan, l-attur ħass ruħu nġurjat bit-titoli magħżulha. Il-Qorti għalhekk ser tirriproduċi l-istess titoli fl-intier tagħhom u ċjoè:

**Dok. A:** "Żewġ Maltin f'kumplott biex jinqatel ex-PM Libjan" "Il-flus tħallsu minn Bank f'Ruma";

Ħarġa tal-21 ta' Novembru 1984;

"Il-kumplott biex jinqatel ex-PM Libjan – Jallegaw li l-erbat irġiel reklutati minn diplomatiku Libjan f'Malta";

**Dok. Ċ:** "Il-kumplott biex jinqatel Bakoush – l-erbat irġiel se jkunu mixlija dalwaqt.....jekk jinstabu ħatja, tista' wkoll tinqatagħlhom għall-mewt";

"Wieħed mill-Maltin involuti hu ex-kandidat mintoffjan";

**Dok. D:** Il-kumplott biex jinqatel Bakoush – Tama kbira *li l-ġuri jsir bil-miftuħ;*

**Dok. E:** "Skond Libjan viċin tal-Mexxej Libjan – Il-kumplott biex jinqatel Bakoush tħejja minn wara dahar Qaddhafi";

"Malta mdaħħla f'operazzjonijiet ta' terrur";

Mis-suespost wieħed bilfors jikkonkludi li kemm-il darba il-fatti hemm allegati ma *jirriżultawx li huma veri*, allura dak li hemm fihom addebitat lill-attur huma fatti inġurjużi għall-aħħar. Fil-fatt, il-konvenuti bl-ebda mod ma ppruvaw tali asserzjonijiet. Biżżejjed hawn jiċċita x'jgħid in propożitu l-*Odgers* (ara *The Law of Libel and Slander, 6K Ed. p. 97):*

*"The sting of a libel may sometimes be contained in a word or sentence placed as a heading to it which will often render the defendant liable where, without it, he would have had a perfect answer to the action";*

(Page 281):

*"The Law looks at the tendency and the consequences of the publication, not at the intention of the publisher, if he has published words which have in fact injured the plaintiff's reputation he must be taken to have intended the consequences naturally resulting from his act";*

L-istess insibu fil-kitba ta' Mickson & Carter – Ruck *(The Law of Libel and Slander)* p. 46:

*"Libel does not depend upon the intention of the defamer, but on the fact of the defamation.* (ara wkoll **Pulizija *vs* J. Micallef Stafrace *et*,** App. Krim. Vol. XLIII.IV p.880);

L-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti hija li *volenti non fit injuria*. M'hemmx dubbju li, b'applikazzjoni f'materja ta' libell tal-prinċipju ċċitat hija perfettament valida u korretta anke fis-sistema legali patrija (ara wkoll **Carmel Schembri *vs* Onor. Min. Ġużè Cassar,** App. Kriminali ta' l-1 ta' Diċembru 1957).

Kif jgħid N. Valentine Ball (ara *The Law of Libel and Slander p. 38*) *"No action lies for a libel of which the plaintiff has himself expressly or impliedly authorised the publication"*. Issa f'dan ir-rigward jingħad li ma jirriżultax ippruvat li xi darba l-attur awtorizza li jinħareġ tagħrif dwaru bil-mod kif ġie rrappurtat fil-ġurnali ċċitati. Kien ġie intervistat darba minn *reporter* ta' l-*"In-.....Tagħna"* però anki hawn huwa xehed li lanqas biss ingħata opportunità li jara x'ser jixxandar minn qabel;

Kjarament għalhekk jirriżulta li l-artikoli huma malafamanti għall-attur fit-termini tal-liġi. Ma tirriżultax lanqas il-prova li l-istampatur ma qarax l-artikoli qabel dawn ġew ippubblikati. Il-Qorti, naturalment bla preġudizzju, invitat lill-kontendenti biex jaslu fi ftehim iżda sfortunatament, għalkemm saru sforzi miż-żewġ naħat, ftehim ma ntlaħaqx;

Il-Qorti tikkomprendi l-bżonn li jkun hawn stampa ħielsa u tifhem ukoll li notizzi ta' ċertu "ħoss" ma jistgħux ma jixxandrux. Min-naħa l-oħra, il-Qorti qatt ma kellha, u ma jistax ikollha, simpatija ma kitbiet li "jħammġu" gravament ir-riputazzjoni personali ta' bniedem ankorké bniedem fil-politika jew fil-ħajja pubblika mingħajr ma jkollu l-fatti riprodotti b'mod li jirrispekkjaw il-verità;

Għaldaqstant il-Qorti tiddeċidi l-kawża, billi filwaqt illi tirrespinġi l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenuti kompriżi dawk ulterjuri, tilqa' t-talbiet kollha attriċi u għall-fini tat-tieni talba tillikwida in linea ta' danni l-ammont ta' seba' mija u ħamsin lira Maltija (Lm750) u ċjoè kwantu għal Lm500 dovuti b'danni mill-konvenut editur Dottor Michael Frendo LL.D. u kwantu għal Lm250 dovuti b'danni mill-konvenut stampatur *Paul* Spiteri. Il-kap ta' l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenuti.